# Fil-Qorti tal-Magistrati ta' Malta
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.M., (IMLI), LL.D.

## Illum 10 ta' Jannar, 2015.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeanne Farrugia)**

**Vs**

**Abdelhamed Abde Qader**

**Il-Qorti**,

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Abdelhamed Abde Qader** ta' 27 sena, iben Mohamed Abde Qader u Fatima, imwieled il-Libja nhar l-14 ta' Ottubru, 1987 u residenti 254/3, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa detentur tan-numru tar-refugjati: 17988;

Akkuzat talli nhar it-8 ta' Jannar, 2015 ghal habta ta' l-10:30 a.m. ta' filghaxija gewwa dawn il-gzejjer:

1. Talli kkommettejt att vjolenti ghall-pudur, fuq il-persuna ta' Bianca Scelzo, bi ksur ta` l-Art. 207 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali ta' Binaca Scelzo f' lok pubbliku, bi ksur ta` l-Art. 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-kwiet u l-bon ordni pubbliku, bi ksur ta' l-Art. 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f` lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku kien jinsab fis-sakra b' mod li ma kienx kapaci jiehu hsieb tieghu nnifsu, bi ksur tal-Art. 338 (ff) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi.

Rat il-Ligi senjatament l-Art. 207, l-Art. 209, l-Art. 338 (dd) u l-Art 338 (ff) ilkoll tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni ta' l-akkuzat;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena kemm mill-prosekuzzjoni, kif wkoll mill-Avukat tad-difiza.

Fehmet ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-azzjoni li ghamel l-akkuzat fil-konfront ta' mara u nuqqas ta' rispett illi huwa wera kemm lejn din il-mara partikolari, kif wkoll lejn in-nisa in generali, liema nuqqas il-Qorti ma tistax ma ticensurax. Fehmet ukoll il-fatt illi l-akkuzat huwa refugjat u bi hsieb li jirrimpatrija ruhu go pajjiz iehor u ghalhekk il-Qorti mhix ser tkun daqstant severa sabiex ma ttellifx l-akkuzat l-opportunitajiet tieghu fil-futur.

Fic-cirkostanzi, ssib lill-akkuzat hati ta` l-akkuzi kollha u tikkundannah piena ta' prigunerija ta' tlett xhur sospizi ghal sena.

***Dr. Francesco Depasquale** LL.M., (IMLI), LL.D.*
***Magistrat***

*Ft* **Marisa Bugeja**
***Lorriane Camilleri***
***Deputat Registratur***